Европейски парламент Parlamento Europeo Evropský parlament Europa-Parlamentet Europäisches Parlament Euroopa Parlament Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο European Parliament Parlement européen Parlaimint na hEorpa Europski parlament Parlamento europeo Eiropas Parlaments Europos Parlamentas Európai Parlament Parlament Ewropew Europees Parlement Parlament Europejski Parlamento Europeu Parlamentul European Európsky parlament Evropski parlament Euroopan parlamentti Europaparlamentet

# IL-POLITIKA AWDJOVIŻIVA U TAL-MIDJA

Il-politika awdjoviżiva fl-UE hija rregolata mill-Artikoli 167 u 173 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-parti fundamentali tal-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam hija d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva, li attwalment (2018) qed tiġi riveduta. L-istrument ewlieni tal-UE biex jgħin lill-industrija (speċjalment l-industrija tal-films) huwa s-sottoprogramm MEDIA tal-Ewropa Kreattiva. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea titlob ir-rispett tal-"libertà u l-pluraliżmu tal-midja".

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

It-Trattat ta' Ruma ma ta l-ebda setgħa diretta fil-qasam tal-politika tal-midja u tal-awdjoviżjoni, u lanqas ma pprovda ebda setgħa t-TFUE. Minflok, il-ġurisdizzjoni dwar il-politika tal-midja hija meħuda minn artikoli varji fi ħdan it-TFUE biex jinħolqu politiki għad-diversi setturi tat-teknoloġiji tal-midja u tal-komunikazzjoni. Din hija ħtieġa li tirriżulta min-natura kumplessa tal-prodotti u s-servizzi tal-midja, li ma jistgħu jiġu ddefiniti la bħala prodotti purament kulturali u lanqas sempliċiment bħala prodotti ekonomiċi. Il-bażi ġuridika tinsab fit-TFUE fis-sura tal-Artikoli 28, 30, 34, 35 (il-moviment liberu tal-merkanzija); 45-62 (il-moviment liberu tal-persuni, servizzi u kapital; 101-109 (il-politika dwar il-kompetizzjoni); 114 (l-armonizzazzjoni teknoloġika, jew l-użu ta' standards teknoloġiċi simili, pereżempju, fil-produzzjonijiet tal-internet); 165 (l-edukazzjoni); 166 (il-formazzjoni vokazzjonali); 167 (il-kultura); 173 (l-industrija); u 207 (il-politika kummerċjali komuni).

## L-OBJETTIVI

Skont l-Artikolu 167 TFUE, l-UE tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk meħtieġ, tappoġġja u ssaħħaħ l-azzjoni tagħhom fil-qasam tal-kreazzjoni artistika u letterarja, inkluż is-settur awdjoviżiv. Ir-rwol tal-UE fil-qasam awdjoviżiv huwa li toħloq suq uniku Ewropew għas-servizzi awdjoviżivi. Hi teħtieġ ukoll tikkunsidra l-aspetti kulturali fil-politiki kollha tagħha. Id-deċiżjonijiet jintlaħqu permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

## IL-KISBIET

### A. Il-qafas regolatorju

#### 1. Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (AVMSD)

Matul is-snin 80, żviluppi ġodda fit-teknoloġiji tax-xandir wasslu għal żieda fl-għadd tal-istazzjonijiet kummerċjali tat-televiżjoni fl-Ewropa u sabiex ix-xandiriet tagħhom ikunu jistgħu jiġu riċevuti f'diversi pajjiżi. Dan wassal għall-ħtieġa ta' standards minimi komuni, li inizjalment ġew stabbiliti fid-Direttiva "Televiżjoni mingħajr Fruntieri" (TVwF) (89/552/KEE). L-ewwel reviżjoni, fl-1997, daħħlet il-prinċipju tal-"pajjiż tal-oriġini", li jfisser li x-xandara jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru fejn ikunu bbażati. Servizzi ġodda, bħall-"video on demand" (VOD) disponibbli fuq l-internet, ġew miżjuda fir-reviżjoni tal-2007. Id-Direttiva ġiet kodifikata fl-2010, u ngħatat l-isem ġdid ta' "Direttiva tas-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva" (AVMSD).

Fir-rapport tal-Kummissjoni tal-2012 dwar l-applikazzjoni tal-AVMSD u fid-diskussjonijiet ta' wara l-pubblikazzjoni tal-Green Paper tal-Kummissjoni tal-2013, "It-tħejjija għal Dinja Awdjoviżiva Konverġenti b'Mod Komplet: Tkabbir, Ħolqien u Valuri", deher ċar li s-servizzi tal-midja awdjoviżiva qed jikkonverġu u li l-mod li bih dawn is-servizzi jiġu kkunsmati u jitwasslu qed jinbidel il-ħin kollu skont l-iżviluppi teknoloġiċi.

Sabiex taġġorna l-qafas regolatorju u żżomm il-pass mal-iżviluppi riċenti, fil-25 ta' Mejju 2016 il-Kummissjoni ppubblikat proposta leġiżlattiva ġdida li temenda l-AVMSD. In-negozjati interistituzzjonali tat-trilogu dwar it-test ġew konklużi fis-6 ta' Ġunju 2018. L-elementi prinċipali tat-test miftiehem jinkludu: (1) li l-limitu għall-komunikazzjonijiet kummerċjali jinbidel minn 12-il minuta kull siegħa għal 20 % kuljum bejn is-6:00 u s-18:00; (2) li l-minorenni jiġu protetti minn kontenut li "jista' jfixkilhom", filwaqt li l-istess regolament ikun japplika għax-xandir tradizzjonali u s-servizzi fuq talba; (3) li d-dispożizzjonijiet dwar xogħlijiet Ewropej jiġu estiżi għall-fornituri ta' servizzi fuq talba, li għandhom jiżguraw li x-xogħlijiet Ewropej jikkostitwixxu mill-inqas 30 % tal-katalgi tagħhom u jagħtu prominenza lil dawn ix-xogħlijiet; u (4) li l-pjattaformi għall-iskambju tal-vidjos (VSPs) jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-AVMSD għall-finijiet tal-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u l-protezzjoni tal-minorenni minn kontenut ta' ħsara. Il-votazzjoni fil-plenarja biex jiġu approvati r-regoli l-ġodda saret fit-2 ta' Ottubru 2018 u l-adozzjoni finali tad-direttiva se ssir mill-Kunsill matul il-ħarifa tal-2018. L-Istati Membri se jkollhom 21 xahar biex jittrasponuha fid-dritt nazzjonali[1].

Id-direttiva fiha regoli speċifiċi għall-protezzjoni tal-minorenni, fir-rigward kemm tax-xandir tradizzjonali kif ukoll tas-servizzi tal-VOD. Dawn ir-regoli kienu ssupplimentati bir-rakkomandazzjonijiet tal-1998 u l-2006 dwar il-protezzjoni tal-minorenni u tad-dinjità tal-bniedem. Fl-2012, ġiet adottata l-"Istrateġija Ewropea biex l-internet isir aktar adegwat għat-tfal", u din hija appoġġjata, fil-qafas tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, mill-programm u l-portal "Internet Aħjar għat-Tfal" (li qabel kien il-programm "Internet Aktar Sikur").

---

[1]Għal aktar informazzjoni ara l-fajl ta' proċedura 2016/0151(COD).

### 2. Id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali

L-UE issa qed taħdem fuq il-modernizzazzjoni tar-regoli tad-drittijiet tal-awtur fis-suq uniku diġitali sabiex tikseb diversi objettivi fundamentali: (1) aktar aċċess transfruntier għall-kontenut online; (2) opportunitajiet usa' biex jintużaw materjali li huma protetti bid-drittijiet tal-awtur fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-wirt kulturali; (3) funzjonament aħjar tas-suq tad-drittijiet tal-awtur; u (4) l-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Marrakexx fil-Liġi tal-UE. Qed isiru negozjati biex jiġi diskuss il-pakkett dwar id-drittijiet tal-awtur.

### 3. Il-wirt ċinematografiku Ewropew

L-UE għandha l-għan li tħeġġeġ lill-Istati Membri tagħha jikkooperaw fil-konservazzjoni u l-ħarsien tal-wirt kulturali ta' importanza Ewropea (l-Artikolu 167 TFUE). Ir-rakkomandazzjoni lill-Istati Membri hija li jiġbru, jikkatalogaw, jippreservaw u jirrestawraw b'mod metodiku l-wirt ċinematografiku sabiex ikun jista' jingħadda lill-ġenerazzjonijiet futuri. L-Istati Membri tal-UE huma mitluba jagħmlu rapport kull sentejn dwar x'għamlu f'dan ir-rigward, filwaqt li l-Kummissjoni tipproduċi rapport ta' implimentazzjoni abbażi ta' din l-informazzjoni.

## B. Ewropa Kreattiva

Is-sottoprogramm MEDIA ta' Ewropa Kreattiva hu l-ħames programm pluriennali mill-1991 'il hawn b'appoġġ għall-industrija awdjoviżiva. Huwa jibni fuq is-suċċess tal-predeċessuri tiegħu, jiġifieri l-programmi MEDIA u MEDIA Mundus (2007-2013). Il-baġit totali tal-programm Ewropa Kreattiva jammonta għal EUR 1.46 biljun (2014-2020), żieda fil-baġit ta' 9 % meta mqabbel mal-programmi preċedenti. Tal-anqas 56 % minn din is-somma hija ddedikata għas-sottoprogramm MEDIA. Dan jipprovdi appoġġ u opportunitajiet ta' finanzjament għal proġetti ta' films u ta' televiżjoni, netwerks taċ-ċinema, festivals tal-films, l-iżvilupp tal-udjenzi, miżuri ta' taħriġ għal professjonisti awdjoviżivi, l-aċċess għas-swieq, id-distribuzzjoni, l-iżvilupp tal-logħob tal-vidjo, id-distribuzzjoni onlajn tiegħu u l-fondi internazzjonali għall-koproduzzjoni. Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppubblikat il-proposta tagħha għal regolament li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva futur (2021-2027). Il-baġit propost għat-taqsima MEDIA huwa ta' ammont sa EUR 1 081 000 000 (58,43 % tal-pakkett finanzjarju totali għall-programm il-ġdid). Kemm il-Parlament kif ukoll il-Kunsill attwalment qed jirrieżaminaw il-proposta tal-Kummissjoni.

## C. Il-litteriżmu tal-midja u l-pluraliżmu tal-midja

Il-litteriżmu tal-midja huwa l-kapaċità li wieħed jaċċedi l-midja, li jifhem u jivvaluta b'mod kritiku l-aspetti differenti tal-midja u tal-kontenut tagħha u li jikkomunika f'diversi kuntesti. Din hija ħila fundamentali għall-ġenerazzjoni żagħżugħa u għall-adulti. L-UE tikkunsidra l-litteriżmu tal-midja bħala fattur importanti favur ċittadinanza attiva fis-soċjetà tal-informazzjoni tal-lum. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu tal-midja u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ tat-30 ta' Mejju 2016 jenfasizzaw li l-litteriżmu tal-midja huwa aktar importanti minn qatt qabel fiż-żmien tal-internet u tal-midja soċjali u li jeħtieġ li jkun parti integrali mill-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha.

Il-pluraliżmu tal-midja jeħtieġ trasparenza, libertà u diversità fl-ambjent tal-midja tal-Ewropa. Fil-bidu tal-2012 l-UE waqqfet Ċentru għall-Pluraliżmu tal-Midja u l-Libertà tal-

Midja (CMPF) fiċ-Ċentru Robert Schuman għall-Istudji Avvanzati, istitut ta' riċerka fi ħdan l-Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze, permezz ta' kofinanzjament mill-UE. Is-CMPF huwa pass ieħor fl-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-ħarsien tal-pluraliżmu tal-midja u l-libertà tal-midja fl-Ewropa, u biex tiddetermina l-azzjonijiet li jeħtieġ li jittieħdu fil-livell Ewropew u nazzjonali biex jittrawmu dawn l-objettivi.

**D.** Inizjattivi oħrajn

Waqt il-Festival Ċinematografiku f'Cannes l-UE torganizza diskussjonijiet u panels dwar diversi suġġetti bħall-iffinanzjar tal-films, id-distribuzzjoni tal-films, l-iżvilupp tal-udjenzi u l-innovazzjoni. Il-Forum Ewropew tal-Films tnieda fl-2015 u huwa pjattaforma għal djalogu strutturat bejn dawk li jfasslu l-politika u s-settur awdjoviżiv. Il-premju "Talent ġdid fl-UE" ġie introdott fl-2004 sabiex jagħti pubbliċità lil diretturi żgħażagħ Ewropej li jkunu ħadu taħriġ sponsorizzat mis-sottoprogramm MEDIA. Il-European Border Breakers Award huwa premju għal artisti emerġenti, ikkofinanzjat mill-programm Ewropa Kreattiva.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament enfasizza li l-UE għandha tistimula t-tkabbir u l-kompetittività tas-settur awdjoviżiv filwaqt li tagħraf ir-rilevanza aktar ġenerali tiegħu fis-salvagwardja tad-diversità kulturali.

**1.** L-industrija awdjoviżiva Ewropea

Filwaqt li tibni fuq ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2011 dwar iċ-ċinema Ewropea fl-era diġitali[2], ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-28 ta' April 2015 dwar il-films Ewropej fl-era diġitali[3] tesprimi appoġġ qawwi għar-reġisti Ewropej tal-films u tenfasizza r-rwol tal-appoġġ finanzjarju pprovdut fil-qafas tas-sottoprogramm MEDIA tal-Ewropa Kreattiva. Hija tenfasizza wkoll l-importanza tal-litteriżmu tal-films u l-iżvilupp tal-udjenzi.

Ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2012 dwar id-distribuzzjoni online ta' xogħlijiet awdjoviżivi fl-Unjoni Ewropea[4] tesplora l-aspetti tad-dritt tal-awtur u l-isfidi tad-disponibbiltà diġitali ta' xogħlijiet awdjoviżivi f'termini tal-ħarsien tad-drittijiet tal-awturi. F'Jannar 2017 il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (CULT) ivvota dwar rapport ta' implimentazzjoni dwar il-programm"Ewropa Kreattiva", u b'hekk għas-sottoprogramm MEDIA, u r-riżoluzzjoni korrispondenti ġiet adottata fil-plenarja fit-2 ta' Marzu 2017[5]. Din ir-riżoluzzjoni enfasizzat il-ħtieġa ta' baġit xieraq u ta' proċeduri amministrattivi simplifikati sabiex jinkiseb impatt akbar. Il-Membri ssottolinjaw ukoll l-importanza li jitħaffef l-aċċess għall-finanzjament għal organizzazzjonijiet jew proġetti fuq skala żgħira.

**2.** Il-Premju LUX

Il-Premju LUX, li nħoloq mill-Parlament Ewropew u li ngħata l-ewwel darba fl-2007, għandu l-għan li jippromwovi d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej fl-UE kollha billi

[2]ĠU C 153E, 31.5.2013, p. 102.
[3]ĠU C 346, 21.9.2016, p. 10.
[4]ĠU C 353 E, 3.12.2013, p. 64.
[5]ĠU C 263, 25.7.2018, p. 19.

jipprovdi l-mezzi għas-sottotitoli tal-film fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE, inkluż fil-lingwa oriġinali tax-xogħol u għall-persuni nieqsa mis-smigħ u dawk b'diffikultajiet ta' smigħ.

**3.** Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (AVMSD)

Ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament fis-snin tmenin u l-bidu tas-snin disgħin dwar it-televiżjoni kemm-il darba appellaw għal standards tekniċi komuni għal xandir dirett permezz tas-satellita u għall-HDTV. Id-Direttiva TVwF kienet adottata fl-1989 u l-Parlament dejjem appoġġjaha b'saħħa. Id-Direttiva ġiet riveduta fl-1997 u fl-2007, u mbagħad ingħatat l-isem ġdid ta' "Direttiva tas-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva" (AVMSD). L-approvazzjoni tagħha kienet ir-riżultat ta' negozjati bejn il-Parlament u l-Kunsill li kkunsidraw ħafna mit-tħassib diskuss fl-ewwel qari tal-Parlament.

Il-Parlament segwa l-implimentazzjoni tal-AVMSD mill-qrib ħafna. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2013 dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva[6], il-Parlament jippreżenta għadd ta' osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet, b'mod partikulari fir-rigward tal-aċċessibilità, il-promozzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, il-protezzjoni tal-minorenni, ir-reklamar, l-isfidi futuri u l-kompetizzjoni internazzjonali.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2013 dwar it-TV konness[7], il-Parlament stieden lill-Kummissjoni tevalwa sa liema punt ikun meħtieġ li tiġi riveduta l-AVMSD u rekwiżiti attwali oħrajn stipulati fir-regolamenti dwar in-networks u l-midja (e.ż. il-pakkett tat-telekomunikazzjonijiet). Il-ħtieġa tar-reviżjoni kienet tirrigwarda partikolarment ir-regoli dwar it-tisjib u l-aċċess nondiskriminatorju għall-pjattaformi għall-fornituri tal-kontenut u l-iżviluppaturi tal-kontenut kif ukoll għall-utenti, l-espansjoni tal-kunċett tal-pjattaformi, u li l-istrumenti eżistenti jiġu adattati għal kostellazzjonijiet ġodda, bħalma huma l-iżvilupp tat-TV konness.

Fit-12 ta' Marzu 2014, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar it-tħejjija għal dinja awdjoviżiva konverġenti b'mod komplet[8] (bi tweġiba għall-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-istess kwistjoni). Fiha, il-Parlament jieħu nota tal-konverġenza tas-swieq, jenfasizza l-ħtieġa li jitħares l-aċċess u t-tisjib u li jiġu ssalvagwardjati d-diversità u l-mudelli ta' finanzjament, u janalizza l-infrastruttura u l-frekwenzi, il-valuri, u l-qafas regolatorju.

Bħala segwitu għal dawn ir-riżoluzzjonijiet Parlamentari u fid-dawl tal-pass mgħaġġel tal-bidla fis-settur awdjoviżiv, fil-25 ta' Mejju 2016 il-Kummissjoni ressqet proposta biex temenda l-AVMSD. Fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Kumitat CULT ivvota dwar ir-rapport tiegħu f'April 2017, fir-rwol tiegħu bħala l-kumitat ewlieni dwar il-kwistjoni, u ddeċieda li jagħti bidu għal negozjati interistituzzjonali mal-Kunsill. Wara l-konklużjoni tan-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament fis-6 ta' Ġunju 2018, il-votazzjoni fil-Kumitat seħħet fil-11 ta' Lulju 2018. Il-leġiżlazzjoni riveduta se tapplika għax-xandara, iżda wkoll għall-pjattaformi ta' video-on-demand u video-sharing, bħal Netflix, YouTube jew Facebook, kif ukoll għall-istreaming dirett fuq il-pjattaformi ta' video-sharing. In-negozjaturi tal-Parlament irnexxielhom ukoll jiżguraw protezzjoni

[6]ĠU C 55, 12.2.2016, p. 71.
[7]ĠU C 75, 26.2.2016, p. 141.
[8]ĠU C 378, 9.11.2017, p. 140.

mtejba għat-tfal, regoli aktar stretti dwar ir-reklamar, u rekwiżit li tal-anqas 30 % tal-kontenut fi programmi fuq l-istazzjonijiet televiżivi u l-pjattaformi tal-VOD għandhom ikunu Ewropej. Il-votazzjoni fil-plenarja għall-adozzjoni tar-regoli l-ġodda se sseħħ fit-2 ta' Ottubru 2018.

Katarzyna Anna Iskra
10/2018